MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-3 ta' Frar, 2014

Numru. 1361/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sylvana Briffa]**

**vs**

**Carmel Farrugia**
**Dorian Farrugia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 713660(M); u Dorian Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 623482(M).

Akkuzati talli:
Nhar il-15 ta’ Settembru 2011, bejn id-9:00 u 9:30 ta’ filghaxija gewwa Misrah Mifsud Bonnici, Marsaskala ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li

jkun jaghmel jew minhabba li jkun jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

U aktar talli fl-kstess data, hin, lok u cirkustanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq PC1503 David Buhagiar, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hebbew ghall-persuna ta’ PC1503 David Buhagar u kkagunawlu feriti ta’ natura hafifa skont ma ccertifikat minn Dr Catherine Dimech MD mill-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem oxxejn, fil-pubbliku billi offendew lil PC1503 David Buhagiar;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta` ta’ din il-persuna hawn fuq indikati; u

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li jidhrilha xierqa.

Rat l-atti kollha pprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali u x-xhieda prodotti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom fis-seduta tal-lum; u

Rat l-fedina penali taghhom li hija netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95(1), 96, 221(1), 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputati Carmel Farrugia u Dorian Farrugia hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputati, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------